

Brussell, 9 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7065/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0070 (NLE)**

**ECOFIN 290
UEM 101
FIN 375
ECB
EIB**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 114 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 114 final.

Mehmuż: COM(2026) 114 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.3.2026
COM(2026) 114 final

2026/0070 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja

{SWD(2026) 74 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP", recovery and resilience plan) mill-Italja fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021")². Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Settembru 2023³, tat-8 ta' Diċembru 2023⁴, tal-14 ta' Mejju 2024⁵, tat-18 ta' Novembru 2024⁶, tal-20 ta' Ġunju 2025⁷ u tas-27 ta' Novembru 2025⁸.
- (2) Fit-23 ta' Frar 2026, l-Italja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jintlaħaq minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, l-Italja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Italja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 40 miżura.

¹ ĠU 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>

² Ara d-dokumenti ST 10160/21 INIT; ST 10160/21 ADD 1 REV 2 at <http://register.consilium.europa.eu>

³ ST 12259/23 INIT.

⁴ ST 16051/23 INIT; ST 16051/23 ADD 1. ST 16051/23 ADD 1 REV 1 (ga).

⁵ ST 9399/24 INIT; ST 9399/24 ADD 1.

⁶ ST 15114/24 INIT; ST 15114 ADD 1 REV 1.

⁷ ST 9587/25 INIT; ST 9587/25 ADD 1.

⁸ ST 15106/25 INIT; ST 15106/25 ADD 1. ST 15106/25 COR 1.

- (4) L-Italja spjegat li 13-il miżura parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu fl-iskeda ta' żmien ipprovduta skont l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021. Dan jikkonċerna: M2C3-6 skont l-Investment 1.1 (Kostruzzjoni ta' skejjel ġodda permezz ta' sostituzzjoni tal-bini); M2C3-8 skont l-Investment 1.2 (Rikwalifikazzjoni tal-assi tal-proprjetà immobbli pubbliċi użati parzjalment jew kompletament mill-amministrazzjoni tal-ġustizzja); M2C3-10 skont l-Investment 3.1 (Il-Promozzjoni tat-tiżhin distrettwali effiċjenti); M2C4-23 skont l-Investment 3.3 (Naturifikazzjoni mill-ġdid taż-żona Po); M2C4-25 skont l-Investment 3.4 (Rimedjazzjoni ta' "ħamrija ta' siti orfni"); M2C4-38 skont l-Investment 4.4 (Investimenti fid-drenaġġ u l-purifikazzjoni); M3C1-5 skont l-Investment 1.1 (Konnessjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja lejn in-Nofsinhar għall-passiġġieri u l-merkanzija); M5C2-6 skont l-Investment 1 (Appoġġ għal persuni vulnerabbli u l-prevenzjoni tal-istituzzjonalizzazzjoni); M5C2-8 skont l-Investment 2 (Xeġriet ta' awtonomija għall-persuni b'diżabilità); M5C2-10 skont l-Investment 3 (L-Akkomodazzjoni l-Ewwel u Ċentri għall-Għajjuna); M5C2-20 skont l-Investment 6 (Programm ta' Innovazzjoni għall-Kwalità tal-Akkomodazzjoni); M6C1-9 skont l-Investment 1.2 (Id-dar bħala l-ewwel post tal-kura u t-telemediċina); u M7-3 skont ir-Riforma 1 (Simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-ġoti ta' permessi għall-enerġija rinnovabbli). Abbażi ta' dan, l-Italja talbet li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (5) L-Italja spjegat li seba' miżuri ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna M1C1-49 u M1C1-50 skont l-Investment 1.8 (Proċeduri ta' reklutaġġ għall-qrati amministrattivi); M1C1-72quinquies u M1C1-72sexies skont ir-Riforma 1.11 (Tnaqqis tal-pagamenti tard mill-amministrazzjonijiet pubbliċi u mill-awtoritajiet tas-saħħa) u d-deskrizzjoni tal-miżura relatata; M1C1-144 skont l-Investment 1.4 (Servizzi diġitali u esperjenza taċ-ċittadini); M1C1-24 skont l-Investment 1.7 (Ħiliet diġitali bażiċi) u d-deskrizzjoni tal-miżura relatata; deskriżjoni tal-miżura taħt l-Investment 1.4 (Żvilupp tal-bijometan, skont il-kriterji għall-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari) taħt M2C2; M6C2-17 skont l-Investment 2.2 (Żvilupp ta' ħiliet tekniċi-professjonali, diġitali u maniġerjali ta' professjonisti fis-sistema tal-kura tas-saħħa) u d-deskrizzjoni tal-miżura relatata; u M7-5 skont ir-Riforma 2 (Tnaqqis tas-Sussidji ta' Ħsara Ambjentali). Abbażi ta' dan, l-Italja talbet l-emenda tal-miżuri msemmija hawn fuq. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 għandha tiġi emendata skont dan.
- (6) L-Italja spjegat li ġew emendati 20 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna M1C1-96 skont ir-Riforma 1.10 (Riforma tal-qafas leġiżlattiv tal-akkwist pubbliku); M1C2-5 skont l-Investment 6 (Investiment fis-Sistema tal-Proprjetà Industrijali) u d-deskrizzjoni tal-miżura relatata; M1C2-14 skont ir-Riforma 2 (Liġijiet Annwali tal-Kompetizzjoni) u d-deskrizzjoni tal-miżura relatata; M1C3-9bis skont l-Investment 4.1 (Ċentru tat-Turiżmu Diġitali); M1C3-18 skont l-Investment 2.3 (Programmi biex tissaħħaħ l-identità tal-postijiet, tal-parks u tal-ġonna storiċi) u d-deskrizzjoni tal-miżura relatata; M1C3-28 skont l-Investment 4.2 (Fondi għall-kompetittività tal-intrapriżi tat-turiżmu); deskriżjoni tal-miżura tal-Investment 4 (Faċilità tal-Park Agri-Solari) taħt M2C1; M2C4-32 skont l-Investment 4.2 (Tnaqqis tat-telf fin-networks tad-distribuzzjoni tal-ilma, inklużi d-diġitalizzazzjoni u l-monitoraġġ tan-networks) u d-deskrizzjoni tal-miżura relatata; deskriżjoni tal-miżura tal-Investment 1.4 (Intervent straordinarju mmirat lejn it-tnaqqis tal-lakuni

territorjali fiċ-ċikli I u II tal-iskola sekondarja u lejn l-indirizzar tat-tluq bikri mill-iskola) taħt M4C1; M4C1-13 skont l-Investment 2.1 (Tagħlim u taħriġ diġitali integrati dwar it-trasformazzjoni diġitali għall-persunal tal-iskejjel); M4C2-2bis skont l-Investment 2.2 (Ftehimiet ta' Innovazzjoni); M5C1-4 skont ir-Riforma 1 (ALMPs u Taħriġ Vokazzjonali); deskrizzjoni tal-miżura tal-Investment 1 (Tisħiħ tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES)) taħt M5C1; M5C1-10 skont ir-Riforma 2 (Pjan Nazzjonali li jindirizza x-xogħol mhux iddikjarat); M5C1-19bis u M5C1-20 skont l-Investment 5 (Ħolqien ta' intrapriżi tan-nisa) u d-deskrizzjoni tal-miżura relatata; M6C2-8 skont l-Investment 1.1 (Aġġornament diġitali tat-tagħmir teknoloġiku tal-isptarijiet); deskrizzjoni tal-miżura tal-Investment 1.3 (Tisħiħ tal-infrastruttura teknoloġika u tal-għodod għall-ġbir tad-data, l-ipproċessar tad-data, l-analiżi tad-data u s-simulazzjoni) taħt M6C2; deskrizzjoni tal-miżura tal-Investment 2.2 (Żvilupp ta' ħiliet tekniċi-professjonali, diġitali u maniġerjali ta' professjonisti fis-sistema tal-kura tas-saħħa) taħt M6C2; M7-10 skont ir-Riforma 5 (Pjan għal Ħiliet Ġodda - Tranżizzjonijiet); u M7-26 skont l-Investment 8 (Provvisa sostenibbli, ċirkolari u sigura ta' Materja Prima Kritika) u d-deskrizzjoni tal-miżura relatata. Abbażi ta' dan, l-Italja talbet l-emenda tal-miżuri msemmija hawn fuq. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 għandha tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (7) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Italja.

Korrezzjonijiet ta' iżbalji klerikali

- (8) Ġew identifikati għaxar iżbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw għaxar stadji importanti u miri u għaxar miżuri taħt tliet komponenti. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata biex jiġu kkoreġuti dawn l-iżbalji klerikali. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati ma' M2C4-40 tal-Investment 4.5 (Skema ta' għotjiet għal investimenti fl-infrastruttura tal-ilma); M4C1-14bis tar-Riforma 2.1 (Reklutaġġ tal-għalliema); M4C1-31 tal-Investment 5 (Fond għall-akkomodazzjoni tal-istudenti); M7-6 tar-Riforma 3 (Tnaqqis tal-kostijiet tal-konnessjoni man-network tal-gass tal-bijometan); M7-13 tal-Investment 3 (Miżura ta' espansjoni: Il-produzzjoni tal-idroġenu f'siti abbandunati (widien tal-idroġenu)); M7-22 tal-Investment 7 (Grilja ta' trażmissjoni nazzjonali intelliġenti); M7-30 tal-Investment 10 (Proġetti pilota dwar il-ħiliet u "Crescere green"); M7-37 tal-Investment 13 (Il-fażi 1 tal-linja Adrijatika (l-istazzjon tal-kompressur ta' Sulmona u l-pipeline tal-gass Sestino-Minerbio); M7-39 tal-Investment 14 (Infrastruttura transfrontiera tal-esportazzjoni tal-gass); u M7-42 tal-Investment 15 (Transizione 5.0). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (9) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (10) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew

għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 37,1 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 74,8 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 26,5 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (12) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Italja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Italja rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (g), (h), (i), (j) u (k).

Valutazzjoni pożittiva

- (13) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (14) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Italja huma ta' EUR 194 435 381 164. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Italja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tal-Italja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 71 779 623 788. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Italja tibqa' l-istess.

Self

- (15) L-appoġġ b'self li sar disponibbli għall-Italja li jammonta għal EUR 122 601 810 400 jibqa' l-istess.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jstabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

- (16) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.
- (17) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni ħlief għall-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tirkibx fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Italja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja hija emendata kif ġej:

l-Anness huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President